MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
### MAGISTRAT DR.
### ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2013

Numru 179/2006

Il-Pulizija
(Spettur Frans Micallef)
vs
Raymond Galea

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 439365m akkuzat talli: - (1) f'Hal Luqa fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' April 2004 ikkommetta serq ta' annimali u oggetti ohra minn 'Girbag Farmhouse' Hal Luqa liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz u valur, liema valur huwa ta' aktar minn LM100 izda anqas minn Lm1000 ghad-detriment ta' Antonio Briffa;
(2) fit-18 ta' April 2004 u matul il-granet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibiehom jew imexxihom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;
Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Mill-provi rrisulta li qrib is-sentejn qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri kienu nsterqu numru ta' moghoz u naghag minn razzett jismu 'Girbag Farmhouse' sit fi Triq l-Avjazzjoni Civili, Hal-Luqa. Kienu ghaddew hames tijiem mis-serqa u d-derubat kien innota xi tmintax il-moghza u nghaga f'razzett gewwa Delimara u fosthom kien gharaf tnejn minnhom minhabba l-karatteristika mhux komuni taghhom. Kien osserva wkoll pala u furkettun li kienu naqsulu mir-razzett tieghu fl-imsemmija serqa. Fuq dan ghamel rapport u l-Pulizija investigaw u l-imputat, qua sid ir-razzett fejn kienu mizmumin l-annimali, interrogat u eventwalment akkuzat.
L-imputazzjonijiet kontra tieghu jipottizzaw kemm is-serq u r-ricettazzjoni u f'dan il-kuntest huwa ben assodat li z-zewg reati huma ghad-esklusjoni u n-alternattiva ta' xulxin u ma' jistghux jreggu flimkien. Jew wiehed jew l-iehor.

Issa fil-kaz in meritu huwa wisq car li m'hemm l-ebda prova li tista' tinkolpa l-imputat bis-serqa. Hemm pero' bizzejjed fatturi li jinkolpawh b'ricettazzjoni.
L-imputat ghazel li ma jixhidx. Dan kien dritt tieghu. Izda b'daqshekk ma jfissirx li l-imputat m'ghandux jerfa' r-responsabilta' ta' dak li stqarr. Ir-referenza hawnhekk mhux qeghdha ssir biss ghall-istqarrija minnu rilaxxjata izda wkoll fuq dak li stqarr quddiem l-Spettur Yvette Farrugia fil-kors tal-investigazzjoni fir-razzett ta' Delimara.
Minn hawn johrog car, fil-fehma ta' din il-Qorti, li dak li sostna l-imputat li hu kien xtara l-bhejjem tlett tijiem qabel minn persuna li ma jafix u li addirittura kienet waqfet hdejh waqt l-hin tax-xoghol tieghu bhala 'watchman' mal-iskola tal-bniet taz-Zejtun u li ma kien jimportah xejn dwar il'kif  dan akkwisthom jew kif kienu ghandu u jekk kienux misruqa jirrendi l-imputat hati ta' ricettazzjoni.
Militanti favur l-imputat hemm li fil-pront huwa irritona l-bejjem lid-derubat b'daqshekk pero' li ma irrendix applikabbli favor tieghu l-ewwel proviso tal-Artikol 334 tal-Kap 9.
Ghalhekk, issibu u tiddikjarah hati fuq ir-ricettazzjoni, igifieri tat-tieni akkuza. Tilliberah mill-ewwel. Rat  l-Artikolu 334(a), 261(c), 279(a) tal-Kap 9. Tiddecidi li tilliberah ghal perjodu ta' sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 wara li ikkonstatat li l-imputat mhux mixli bhala recidiv.
Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------